**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 18 ta` Lulju 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

**Stephen Ciancio**

Kump Nru. 1235/2006

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Stephen Ciancio, numru tal-karta tal-identita 216068(M),** gie akkuzat talli :

Fit-18 ta' Novembru 2006, u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fi stabilliment f' San Giljan:

1. zammejt jew ezercitajt jew kellek sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala l-persuni resoponsabbli minn hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat hallejt jew ippermettejt li dak il-

hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Art. 9 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhal sidien jew bhala l-persuni li kellkom f'idejkom l-amministrazzjoni ta' dar jew fond iehor li xjentement tajtu b'kiri jew ippermettejtu l-uzu taghhom ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Art. 10 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar akkuzati talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala operaturi ta' attivitajiet turistici hallejtu l-post f'xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew il-moralita pubblika u dan bi ksur tal-Art. 7 tal-A.L. 128/2002.

5. U aktar fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer impjegajtu, jew tajtu xoghol lil, xi persuna li ma tkunx persuna ezenti u li ma jkollix licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew b'mod iehor ghent jew assistejt lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub fl-Artikolu 23 tal-istess Att u dan bi ksur tal-Artikolu 32 (1) (b) tal-istess Att.

6. U aktar talli fl-istess dati, hinjiet u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer impjegajtu persuna minghajr licenzja u dan bi ksur tal-Art. 5(9) tal-A.L.205 tal-2004.

7. U aktar talli fl-istess dati, hinjiet u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer bhala principali impjegajtu xi persuna li ma kinetx cittadin ta' Malta, liema persuna ma kelliex permess tax-xoghol u dan bi ksur ta' l-artiklu 7 Avviz legali 110/1993.

Il-Qorti hija mitlub illi f'kaz ta' kundanna ghal reat taht l-Ordinazzjoni Dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta' liema jkun sar ir-reat skond l-Artikolu 14 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitlub illi f'kaz ta' kundanna ghal reat tordna s-sospensjoni jew t-thassir ta' kull licenzja mizmuma minn Paul Jason Degiorgio u li tkun relattiva ghall-kummerc jew negozju jew relativa ghal xi post tan-negozju fejn kienet impjegata dik il-persuna msemmija aktar 'l fuq u dan skond l-artiklu 7 ta l-Avviz legali 110/1993.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali datat 5 ta` Dicembru 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja (ara folio 22);

Qieset l-atti processwali;

Qieset il-verbal tas-seduta tas-27 ta` Settembru 2016 fejn, *inter alia*, din il-Qorti, ghar-ragunijiet imfissra fl-istess verbal, iddikjarat il-kaz tal-prosekuzzjoni bhala wiehed maghluq, ukoll fejn id-difiza iddikjarat li kienet qed tistrieh fuq ir-rizultanzi processwali, u wkoll fejn finalment din il-kawza thalliet ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi waqt l-iskrutinju tar-rizultanzi processwali din il-Qorti setghet tara li l-azzjoni kriminali, possibilment, kienet milquta bil-preskrizzjoni u allura necessarjament ghaddiet sabiex tezamina l-atti f'dan il-kuntest, qabel ma propju tindirizza l-mertu.

Il-Qorti, in vista ta` dan, ezaminat l-atti bir-reqqa u setghet tistabbilixxi illi l-imputat kien deher l-ahhar quddiem din il-Qorti diversament presjeduta propju nhar it-28 ta` Marzu 2008 (ara *folio* 82). Sussegwentement, fl-udjenza tal-10 ta` Lulju 2008, din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza *sine die* peress illi ma kien deher hadd ghal tali udjenza (ara *folio* 102).

Wara assenjazzjoni ufficjali ta` numru ta` kawzi, fosthom il-prezenti kawza, f'Awwissu tas-sena 2013, din il-Qorti kif issa presjeduta, b'digriet *in camera* tas-26 ta` Awwissu 2013, ordnat li din il-kawza tigi rikjamata u titpogga fuq il-lista ghall-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2013. Sussegwentement, quddiem din il-Qorti kif presjeduta, <u>l-imputat gie notifikat ghall-ewwel darba biex jidher quddiemha propju wara s-seduta tas-17 ta` Ottubru 2013</u> (ara *folios* 104 u 155) – <u>aktar minn hames snin wara li kien deher l-ahhar quddiem din il-Qorti diversament presjeduta lura fis-sena 2008</u>.

Il-Qorti rat li fl-atti ma hemm ebda prova li xi darba matul dan il-perjodu ta` aktar minn hames snin imsemmi (bejn 28/03/2008 u 17/10/2013), l-imputat gie notifikat. Dan hu li jikkostitwixxi l-bazi ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, issa *ex officio*, mill-Qorti (Artikolu 694 tal-Kap 9). Bhala konsegwenza ta` dan, ghandhom jiskattaw id-dispozizzjonijiet ta` l-Artikoli 693

u 688(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Naturalment, dan ghandu jsir fil-kuntest tad-diposizzjonijiet ta` l-Artikoli 8, 9 u 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta li jirrapprezentaw l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, u l-Artikolu 7 tal-Avviz Legali 128/2002, l-Artikoli 23 u 32(1)(b) tal-Kapitolu 217, l-Artikolu 5(9) tal-Avviz Legali 205/2004 u ta` l-Artikolu 7 tal-Avviz Legali 110/1993, li lkoll jirrapprezentaw il-bqija ta` l-imputazzjonijiet moghtija. Minn ezami akkurat ta` dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi (u l-Qorti zammet quddiem ghajnejha l-ligi kif kienet fis-sena 2006, in konformita` mal-imputazzjonijiet dedotti) jirrizulta li, apparti li l-ligi tikkontempla l-piena tal-multa f'numru ta` istanzi, tikkontempla wkoll il-piena tal-prigunerija li pero`, fil-massimu taghha, ma tistax teccedi s-sentejn.

Il-Qorti rat dawn l-Artikoli u tqis li l-perjodu preskrittiv, ghar-reat/i li jgorr mieghu piena ta` prigunerija ta` mhux aktar minn sentejn, huwa dak ta' hames snin. Meta wiehed iqis allura, li mill-atti jirrizulta li kienu ghaddew ftit aktar minn hames snin bejn notifika w ohra ta` l-imputat, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni timmerita li tigi sollevata mill-Qorti.

**Konkluzjoni;**

**Ghall-mottivi premessi din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tiddikjara li l-azzjoni kontra l-imputat hija kolpita bil-preskrizzjoni u konsegwentement qed tillibera lil Stephen Ciancio minn kull imputazzjoni skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur